MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2011

Rikors Numru. 906/2011

**No Name Limited
vs
Helena Fountain**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Helena Fountain tas-17 ta' Awwissu 2011 ghar-revoka tad-digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta' Lulju 2011 fejn ordnat il-hrug ta' mandat ta' qbid in konsegwenti bejgh tal-fond mitlub mis-socjeta' No Name Limited bhala kreditrici ta' Helena Fountain;

Rat ir-risposta ta' No Name Limited li bih opponiet ghar-rikors ta' revoka tal-imsemmi digriet datat 1 ta' Settembru 2011;

Rat l-atti kollha u dokumenti esebiti.

Ir-rikorrenti Helena Fountain qed titlob ir-revoka tad-digriet tal-Qorti peress li ma ntalabx il-hrug ta' mandat ta' qbid mar-rikors tal-bejgh.

Il-Qorti tqis tali oggezzjoni bhala frivola billi l-artikolu 305 tal-Kapitolu 12 jistipula illi l-hrug tal-mandat hu inkorporat f'rikors ghal-bejgh tal-immobbli li jispecifika d-dettalji tal-proprjeta li qed jintalab il-bejgh taghha. Ghalhekk ma hemmx lok ghal ebda hrug ta' mandat ad hoc izda rikors dettaljat li fih jintalab il-bejgh ta' proprjeta immobbli naxxenti minn titolu ezekuttiv rez ezegwibbli.

Helena Fountain izid illi sehemha mill-art in kwistjoni hu ta' 3/8 u mhux ½ kif mitlub fir-rikors tal-bejgh. Gie esebit kopja tat-testment ta' missier Helena Fountain datat 16 ta' Lulju 1986 atti nutar Brincat fejn hi thalliet eredi universali tal-wirt ta' missierha l-Avukat Patrick Holland mentri ommha Rose Mary Holland thalliet kwart minn gidu u l-uzu u uzufrutt tal-bqija ta' gidu. Helena Fountain ma tispjegax kif hi eredi ta' 3/8 mill-art imsemmija, u anqas tispjega kif f'kuntratt ta' kirja lil terzi tal-istess art, datat 2 ta' Mejju 1988, l-art giet deskritta bhala appartenenti nofs indiviz lir-rikorrenti u nofs indiviz lil Rose Mary Holland. Lanqas gie spjegat jekk l-akkwist tal-proprjeta mill-Avukat Holland fit-30 ta' Lulju 1982 atti Nutar Joseph Brincat sarx waqt iz-zwieg bejn l-istess Avukat Holland u martu jew le. Tali prova tispetta lir-rikorrenti Helena Fountain jekk qed toggezzjona ghal kwota kif deskritta mill-kreditur No Name Limited.

Helena Fountain ukoll qed toggezzjona ghal bejgh ghax fil-kuntratt ta' akkwist li sar mill-Avukat Holland fit-30 ta' Settembru 1982, il-venditur Bernard Farrugia irriserva favurih id-dritt ta' rkupru. Il-kuntratt esebit minn Helena Fountain ma jindikax din il-kondizzjoni u ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex ghax tidhol fil-mertu ta' din l-oggezzjoni.

Jirrizulta wkoll illi l-att in kiwstjoni giet affittata lil terzi min Rose Mary Holland u r-rikorrenti Helena Fountain pero dan ma ghandu jkun ta' ebda ostakolu ghal bejgh billi l-proprjetarju in parti ghadha l-istess Helena Fountain.

Inoltre gie relevat li qed isiru proceduri min Bernard Farrugia kontra Helena Fountain u terzi biex jimpunja l-kirja li saret mill-istess Helena Fountain u ommha. Il-Qorti tirrileva li dan ma jikkostitwix gudikat, ma tinkludix jew tinvolvi lil kreditur ezekutant fl-imsemmija kawza u ma timpedix il-bejgh bis-subbasta milli jipprosegwi f'din ic-cirkostanza partikolari.

Fl-ahhar nett Helena Fountain toggezzjona ghad-digriet ta' din il-Qorti ghax hi ghadha mhix proprjetarja tal-art devoluta lilha bit-testment ta' missierha billi ma saritx qasma tal-eredita skond l-artikolu 946 tal-Kodici Civili. Jigi relevat illi l-eredi universali ta' missierha hi biss Helena Fountain u skond l-artikolu 836 'il-pussess ta' hwejjeg il-mejjet ighaddu bis-sahha tal-ligi, b'mod ta' kontinwazzjoni, fil-werriet, sew jekk testamentarju jew legittimu, bl-obbligu li jhallas il-pizijiet kollha tal-wirt'. Helena Fountain hi l-unika eredi. Kwindi ma hemmx qasma xi ssir u sehem ommha hu legat imholli minn missierha li hi obbligata tirrispetta bhala wiehed mill-pizijiet tal-wirt.

Ghalhekk il-Qorti tqis l-oggezzjonijiet maghmula min Helena Fountain bhala infondati fil-fatt u dritt u qed tichad it-talba taghha ghar-revoka tad-digriet tal-Qorti tas-subbasta ordnata minnha fid-29 ta' Lulju 2011. Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti Helena Fountain.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------